# PRESEPJU TA' TFULITI

Daqsxejn ta' grotta w xi ngħajġiet mal-plajja,
erba' tibniet u fuqhom Bambin ċkejken,
San Ġużepp u l-Madonna, baqra w ħmara,
dan il-presepju ta' tfuliti; msejken,

iżda, meta ma' sħabi tfal ta' mpari,
jien kont inħares ċass fuq il-Bambin,
kont inħoss qalbi tfur bil-ferħ u l-hena,
għax jien kont naħlef illi dak il-ħin

Ġesù kien ikun hemm jarani nħares
u f'ħarsti jifhem x'kelli f'qalbi jien :
xewqa sabiħa li l-presepju ċkejken
jibqagħli dehra kemm itul iż-żmien.

U jiena naħseb illi, meta f'Betlem
daħlu r-ragħajja wara dik l-Aħbar,
u sabu lill-Bambin ġewwa maxtura,
u semgħu l-anġli jgħannu fuq il-għar,

ma kinetx akbar ta' l-imħabba l-mewġa
li ħammret fuq ħaddej dawk it-twajbin,
minn dik li kienet tixgħel ġewwa qalbi
kull meta ħarist jien fuq il-Bambin.

Nhar l-Epifanija 1932.

**Dun Karm**